**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 9 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1094/01 AJD*

MSD Consulting Limited

vs

Chaudron Company Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u hamsa u sittin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,165.10) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi professjonali ta' konsulenza rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha u dan skond fattura Dok. A.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju, 2000, (Dok. B), u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Antoine Naudi, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u hamsa u sittin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,165.10) bl-imghaxijiet dekorribbli mill-21 ta' Gunju, 2001, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR